Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0170

Ftehim Imsaħħaħ ta’ Sħubija u Kooperazzjoni UE-Repubblika Kirgiża

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2025 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta’ Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra (10724/22 – C10-0057/2024 – 2022/0184(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (10724/22),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Imsaħħaħ ta’ Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra (10660/22),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 207 u 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0057/2024),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tad-9 ta’ Settembru 2025[1] dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0105/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-

[1] Testi adottati, P10_TA(2025)0171.

parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Kirgiża.